# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 51/2022/3**

**Phoenix Payments Ltd (C-77764) u b'digriet tas-6 ta' Lulju 2023 awtorizza korrezzjoni fl-isem għal Lazarus Long Ltd**

**v.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tas-7 ta' Frar, 2025 magħmula minn Lazarus Long Ltd (qabel imsejħa bħala Phoenix Payments Limited) taħt l-**Artikolu 811(e)** u **(f) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Novembru 2024, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors tas-27 ta' Jannar, 2022, il-kumpanija Lazarus Long Ltd fissret li l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja kien bagħtilha deċiżjoni fl-1 ta' Ottubru, 2021, li biha għarrafha li huwa kien qiegħed jimponi fuqha piena amministrattiva ta' €435,576 skont l-**Artikolu 13 tal-Att Kontra *Money Laundering***. Din id-deċiżjoni tal-Korp ġiet appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

3. Billi fil-fehma tal-kumpanija Lazarus Long Ltd din id-deċiżjoni tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja ttieħdet fuq is-saħħa ta' dispożizzjonijiet tal-liġi li jmorru kontra l-jeddijiet tagħha kif imħarsa taħt l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**Artikoli 6** u **7 tal-Konvenzjoni Ewropea** hija talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha sabiex:

> *«i. Tiddikjara li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19 tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 taR-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Phoenix hekk kif protetti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6§1 tal-Konvenzjoni; u/jew*
>
> *ii. Tiddikjara konsegwentement li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-*

*Regolamenti huma nulli u bla effett; u/jew*

*iii. Tiddikjara li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, inkluż il-mod kif inħarġet il-Minded Letter, jilledi l-Artikolu 6§3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni;*

*iv. Tiddikjara li l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures abbażi ta' liema l-Korp sab ksur li wasal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew*

*v. Tiddikjara li d-Deċiżjoni jew parti minnha, u l-mod kif iddeċieda l-Korp jilledi l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;*

*vi. Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta' compliance li għamlu l-Korp; u/jew*

*vii. Tiddikjara nulli u inattendibbli d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u tħassarha kollha jew in parte; u/jew*

*viii. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti; u/jew*

*ix. Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun.»*

4. Il-konvenuti Avukat tal-Istat u l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja wieġbu li dawn it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu billi fil-fehma tagħhom ma seħħ ksur tal-ebda wieħed mill-jeddijiet fundamentali msemmija mill-kumpanija Lazarus Long Ltd.

5. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li l-**Artikolu 13(2) tal-Att Kontra *Money Laundering*** u r-**Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01)** jiksru d-

drittijiet fundamentali tal-kumpanija Lazarus Long Ltd kif imħarsa taħt l-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** għaliex qieset li l-piena amministrattiva inflitta mill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja hija ta' bixra kriminali u għalhekk din setgħet tiġi imposta biss minn qorti – ħaġa li l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja mhuwiex.

5. Bħala konsegwenza l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat bħala nulli l-proċeduri investigattivi li ġew imnedija mill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja permezz ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet.

6. Kemm l-Avukat tal-Istat u kif ukoll il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

7. B'sentenza tat-18 ta' Novembru, 2024, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza appellata u ddikjarat li l-**Artikolu 13(2) tal-Att Kontra *Money Laundering*** u r-**Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01)** ma jiksrux id-drittijiet fundamentali tal-kumpanija Lazarus Long Ltd kif imħarsa taħt l-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u għalhekk ordnat li l-atti tal-kawża għandhom jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar il-bqija tat-talbiet jew dawk il-partijiet

tat-talbiet ta’ Lazarus Long Ltd li baqgħu ma ġewx deċiżi.

8. Fil-qosor, din il-Qorti b’Imħallfin differenti, sabet li għalkemm il-piena amministrattiva mogħtija mill-Korp għall-Analiżi ta’ Informazzjoni Finanzjarja hija waħda ta’ bixra kriminali, madankollu qieset li tali piena ma taqax fil-kategorija ta’ «*hard core of criminal cases*» kif imfissra fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din il-Qorti kkonkludiet li ma hemm xejn ħażin jekk din il-piena tingħata fl-ewwel stadju minn awtorità amministrattiva, ladarba din il-piena tista’ tiġi mistħarrġa quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li għandha ġurisdizzjoni sħiħa fuq il-kwistjonijiet kollha li għandhom x’jaqsmu mal-liġi u mal-fatti. Minbarra dan, hija żiedet tgħid ukoll li l-kumpanija Lazarus Long Ltd ma seħħilhiex turi li kien hemm ksur tal-jedd tal-ugwaljanza tal-armi.

9. Issa b’rikors imressaq fis-7 ta’ Frar, 2025, Lazarus Long Ltd qiegħda tgħid li din il-Qorti mhux biss żbaljat il-liġi iżda tat ukoll deċiżjoni dwar xi ħaġa mhux imdaħħla fit-talba. Targumenta li din il-Qorti żbaljat il-liġi għaliex: (i) fl-ewwel lok ma applikatx id-dispożizzjonijiet kollha tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** iżda għażlet li tagħfas biss fuq ċertu kliem tal-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**; (ii) fit-tieni lok ma applikatx għadd ta’ dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili** u/jew applikathom b'mod ħażin; u (iii) fit-tielet lok ma applikatx l-**Artikolu 13A tal-Att Kontra *Money Laundering*** meta kellha tapplikah u tikkunsidrah.

10. Barra minn hekk, Lazarus Long Ltd tisħaq li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellhiex tiddeċiedi dwar il-kwistjoni dwar l-ugwaljanza tal-armi għaliex din la ġiet meqjusa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u lanqas ma ġiet imqanqla fl-appelli tal-konvenuti.

11. Għalhekk billi skont Lazarus Long Ltd seħħ tħaddim ħażin tal-liġi skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u ngħatat deċiżjoni dwar xi ħaġa mhux imdaħħla fit-talba bi ksur tal-**Artikolu 811(f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija ressqet dan ir-rikors u talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *«tħassar is-sentenza tagħha tat-18 ta' Novembru, 2024[1] fuq premessi u għar-raġunijiet indikati fis-suespost u ai termini tal-**Artikolu 811(e) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, tordna r-ritrattazzjoni tal-istess f'dan il-grad tal-appell.»*

12. Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja wieġeb fit-3 ta' Marzu, 2025 filwaqt li l-Avukat tal-Istat wieġeb fil-5 ta' Marzu, 2025. Fit-tweġibiet rispettivi tagħhom huma taw ir-raġunijiet għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa minn Lazarus Long Ltd imissha tiġi miċħuda. Fost

[1] Għall-bidu fir-rikors oriġinali tniżżlet is-sena 2025, madankollu din ġiet korretta għas-sena 2024 fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2025.

ir-raġunijiet imsemmija minnhom kien hemm dawk li la tista' ssir talba għar-ritrattazzjoni minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali u lanqas ritrattazzjoni minn sentenza li ma tkunx qatgħet il-kawża kollha.

13. Inżamm smigħ fis-17 ta' Ġunju, 2025 u wara li din il-Qorti ħadet qies ta' dak li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet, il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum dwar din it-talba għar-ritrattazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

15. Dan l-istitut huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Boris Arcidiacono et v. Salvu Schembri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Ottubru, 2014).

16. Fil-każ tal-lum Lazarus Long Ltd qiegħda tgħid li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2024 imissha titħassar għaliex ingħatat fuq tħaddim ħażin tal-liġi u fuq xi ħaġa li ma kinitx

imdaħħla fit-talba.

17. Min-naħa tagħhom, l-Avukat tal-Istat u l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja jibdew billi jwieġbu li din it-talba għar-ritrattazzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa minn din il-Qorti għaliex skonthom ma tistax titressaq talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Biex isaħħu din il-fehma tagħhom huma jagħmlu riferenza għal għadd ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja jżid jgħid li tali talba għar-ritrattazzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa wkoll għaliex ma tistax tintalab ir-ritrattazzjoni ta' sentenza, jekk il-kawża tkun għadha ma spiċċatx.

18. Billi dawn il-preġudizzjali tar-ritrattati jistgħu joħonqu t-talba ta' Lazarus Long Ltd, huwa xieraq li din il-Qorti tibda minnhom.

19. L-ewwel preġudizzjali dwar jekk tistax issir ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali ġiet mistħarrġa b'ċertu dettall fis-sentenza ***Patrick Spiteri v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża dan l-aħħar mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Diċembru, 2022.

20. F'din is-sentenza ġie mfisser li matul iż-żminijiet il-Qorti Kostituzzjonali tenniet f'aktar minn sentenza waħda, li skont il-liġi,

mhuwiex possibbli li wieħed jitlob ir-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Ġie msemmi li għalkemm kien hemm fil-passat is-sentenza ***Edward Ferro v. Segretarju tad-Djar*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Frar, 1977, fejn instemgħet talba għar-ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, jirriżulta però li l-ewwel darba li l-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond u bis-serjetà fuq din il-kwistjoni kienet fis-sentenzi ***Joseph Galea nomine v. Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** u ***Carmel Cacopardo v. Ministru tax-Xogħlijiet u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet***, mogħtija t-tnejn li huma fil-25 ta' Ġunju, 1986. Fihom ingħad li ma hemm l-ebda artikolu tal-liġi li jgħid li tista' ssir ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Għalhekk ġie ddikjarat li l-proċedura li biha kienet qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni kienet waħda irritwali u nulla.

21. Din l-istess fehma ta' ħsieb ġiet imħaddna b'mod dirett mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi ***Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et*** tal-24 ta' Jannar, 1990 u ***Paul Stoner et v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** tat-28 ta' Ġunju, 1996; u b'mod indirett fis-sentenzi ***Perit Joseph Mallia v. Onor Prim Ministru et*** tal-15 ta' Marzu, 1996 u ***Victor Chetcuti v. L-Onor Prim Ministru et*** tas-26 ta' April, 1996, fejn fihom għal darboħra ġie mtenni li deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali mhumiex suġġetti għal proċeduri ta' ritrattazzjoni kif imsemmija fil-**Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

22. Issokta jingħad li anke l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet qalet fis-sentenza ***Domenico Savio sive Savio Spiteri et v. Avukat Ġenerali et*** deċiża fl-20 ta' Frar, 2003, li r-ritrattazzjoni ma setgħetx issir lanqas minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha.

23. Ġara iżda li wara l-emendi li saru bl-**Att XXII tal-2005** u tal-**Att VII tal-2007**, l-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ġie jgħid li tista' ssir talba ta' ritrattazzjoni minn sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha.

24. Fis-sentenza ***Josephine Bugeja et v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2010 qamet il-kwistjoni jekk fid-dawl ta' dawn l-emendi sarx possibbli li tintalab ir-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. It-tweġiba li tat il-Qorti Kostituzzjonali kienet li għalkemm bil-miġja ta' dawn l-emendi jirriżulta li llum hemm dritt ta' ritrattazzjoni anke minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, madankollu ma hemm l-ebda dritt ta' ritrattazzjoni minn deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u dan

għaliex fl-**Artikolu 811** kif emendat, ma saret l-ebda riferenza speċifika għal sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. F'din is-sentenza ngħad li l-leġislatur ma riedx jissoġġetta d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali għar-ritrattazzjoni bl-istess mod tas-sentenzi tal-awtoritajiet ġudizzjarji l-oħra. B'hekk il-konklużjoni milħuqa kienet li l-leġislatur ma pprovdiex għar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni minn deċiżjonijiet tal-imsemmija Qorti Kostituzzjonali.

25. Din il-fehma baqgħet ma tbiddlitx, anzi reġgħet ġiet imtennija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-***sentenzi A.I.Ċ. Joseph Barbara et v. L-Onor. Prim Ministru et*** tat-13 ta' Jannar, 2015, ***Sean Bradshaw et v. L-Avukat Ġenerali et*** tat-3 ta' Frar, 2016 u ***Valletta Freight Services Limited v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et*** tas-27 ta' Ottubru, 2016. F'dawn is-sentenzi ġie mtenni li l-leġislatur intenzjonalment eskluda dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali għaliex għad li l-ġurisprudenza dwar dan il-punt kienet waħda ċara u konsistenti, il-leġislatur xorta waħda ma deherlux li kellu jniżżel fl-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li dan ir-rimedju kellu jingħata wkoll fil-konfront ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali.

26. Fis-sentenza ***Patrick Spiteri v. L-Avukat Ġenerali et*** fuq indikata ġie msemmi wkoll li kien hemm deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti

Kostituzzjonali fejn talbiet għar-ritrattazzjoni ġew meqjusa u maqtugħa, madankollu ġie ċċarat li f'dawn id-deċiżjonijiet ma ġiex diskuss il-punt dwar jekk setgħetx issir ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (ara ***H Vassallo & Sons Ltd v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru, 2012 u ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Alfred Camilleri*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju, 2013).

27. Kien fil-fatt għalhekk li fis-sentenza ***Alfred Camilleri v. Avukat Ġenerali*** deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2018, il-Qorti Kostituzzjonali sabet li ma kien hemm l-ebda ksur ta' smigħ xieraq minħabba sentenzi kunfliġġenti, peress li fil-każijiet fejn instemgħu talbiet ta' ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, qatt ma kienet tqajmet il-preġudizzjali dwar in-nullità tar-rikors ta' ritrattazzjoni.

28. Mill-banda l-oħra iżda, wara l-emendi tal-2005 u tal-2007, kull meta tqajmet formalment il-preġudizzjali dwar in-nullità tar-ritrattazzjoni, dina l-preġudizzjali dejjem ġiet milqugħa mill-Qorti Kostituzzjonali u r-rikors ta' ritrattazzjoni ma ġiex meqjus.

29. Lura għall-każ tagħna l-kumpanija Lazarus Long Ltd ma ressqet l-ebda argument fejjiedi għaliex din il-Qorti għandha titbiegħed minn din il-ġurisprudenza li stabbiliet li bil-liġi ma tistax issir talba ta' ritrattazzjoni

minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Anzi din il-Qorti tisħaq li hija taqbel għalkollox ma' din il-ġurisprudenza fejn ingħad li l-leġislatur kellu l-opportunità sħiħa li jekk irid fl-emendi tal-2005 u tal-2007 isemmi speċifikament il-Qorti Kostituzzjonali fl-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan iżda l-leġislatur m'għamlux u għalhekk din il-Qorti qiegħda tifhem li l-għażla tal-leġislatur li ma jipprovdix ir-rimedju tar-ritrattazzjoni minn sentenzi mogħtijin minn din il-Qorti kienet waħda tabilħaqq maħsuba.

30. Tassew, din ir-rieda tal-leġislatur, li jħalli barra r-ritrattazzjoni ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, għadha hekk sal-lum għaliex minkejja n-numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'dan is-sens, il-leġislatur iddeċieda li jħalli l-liġi kif inhi.

31. Din il-Qorti taqbel ukoll li din l-għażla tal-leġislatur li jeskludi r-ritrattazzjoni ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali hija waħda raġunata. Dan għaliex jekk min ikun qiegħed jallega ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu ma jkunx qiegħed jaqbel mal-mod ta' kif il-Qorti Kostituzzjonali tkun qatgħet il-kawża tiegħu, dak li jkun m'għandux għalfejn idur għall-proċedura ta' ritrattazzjoni biex jipprova jbiddel dik is-sentenza, imma jekk irid huwa jista' jinqeda bir-rimedju tal-petizzjoni quddiem l-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa, kif provdut taħt il-**Konvenzjoni għall-**

**Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** u mseddaq bl-**Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea**.

32. Jiġi b'hekk li din il-Qorti qiegħda ssib li l-preġudizzjali mqajma mill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u mill-Avukat tal-Istat dwar in-nuqqas ta' siwi tar-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Lazarus Long Ltd hija waħda tajba li tixraq li tintlaqa'.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** it-talba ta' Lazarus Long Ltd għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2024, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da